**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu 2019.**

**Rikors Guramentat nru: 288/2015 AGV**

AB f' isimha propju u bhala kuraturici ad litem tal-minuri CB u DB u dan permezz ta' digriet datat 12 ta' April 2016.

Vs

EF

U

Direttur Registru Pubbliku, li permezz ta' digriet datat 8 ta' Marzu 2018, l-istess Direttur gie estromess minn dawn l-atti.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fit- 13 ta' Dicembru 2006, l-esponenti welldet tifla bl-isem ta' CB u fl-1 ta' Marzu 2008 l-esponenti welldet tifla ohra bl-isem ta' DB.
2. Illi mil-att tat-twelid ta' dawn it-tfal jirrizulta li meta gie registrat it-twelid taghhom huma gew registrati minn l-esponenti bhala missieri li sa dakinhar ma kienx maghruf;
3. Illi r-rikorreti taf li missier it-tfal huwa l-intimat EF.
4. Illi r-rikorrenti tixtieq li tigi stabbilita' l-paternita' tat-tfal taghha permezz ta' fatti kif ukoll b' testijiet genetici;
5. Illi ghalkemm l-intimat gie interpellat permezz ta' ittra ufficcjali sabiex jirrikonoxxi it-tfal tieghu huwa baqa' inadempjenti;
6. Illi EF qieghed irrifjuta li jhallas manteniment ukoll ghal uliedu;
7. Illi ghalhekk kelha issir dil-kawza.

Jghid ghalhekk l-intimat ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni;

1. Tiddikjara illi l-intimat EF huwa l-missier naturali taz-zewg minuri C u DB;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuni fic-certifikat tat-twelid minuri billi fil-kolonna intestata' ' Isem u Kunjom

missier it-tarbija', jigi jaqra' EF ; U tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument tal-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid, u tar-residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier, jigu indikati konsegwentament billi jigu indikati dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna eta' jigi jaqra' l-eta' ta' EF; taht il-kolonna ' twieldu' jigi jaqra', il-post tat-twelid ta' EF; taht il-kolonna ' joqoghdu' jigi jaqra Santa Venera Malta; taht il-kolonna ' isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet', jigi jaqra' isem missier EF u jekk ghadu haj jitnizzel haj, jekk le, jitnizzel mejjet.

3. Tiddikjara ukoll illi l-intimat EF, bhala l-missier taz-zewg minuri hawn indikati ghandu l-obbligi li jmanti u jeduka l-istess minuri u dan b' effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri.
4. Tillikwida jekk ikun il-kaz bl-opera ta' perit nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli minn EF, lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri inkluz l-arretrati mill-istess data mit-twwlid tal-istess minuri fil-waqt li tistabilixxi ukoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas l-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat;
5. Tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' mantemiment hekk likwidata u t-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluz ukoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjez inkluz dik tal-ittra ufficcjali datata u t-test tad-DNA kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut EF li taqra' kif gej :-

1. Illi l-esponenti u l-attrici kienu bdew relazzjoni fis-sena 2003 u liema relazzjoni damet ghaddejja 11-il sena ossia sas-sena 2014 (anka jekk kien hemm zmien meta l-partijiet hassru ghal xi xhur).
2. Illi tul din ir-relazzjoni l-attrici welldet zewg ulied bl-ismijiet CB illi twieldet fit- 13 ta' Dicembru 2006, u DB, illi twieldet fl- 1 ta' Marzu 2008.
3. Illi f' dan iz-zmien, anka jekk il-partijiet kienu jinsabu f' relazzjoni, l-attrici nsistiet illi tirregistra lil daz-zewg minuri bhala ulied missier mhux maghruf;
4. Illi l-esponenti effetivament ghandu dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri anka minhabba l-fatt illi l-attrici kellha relazzjoni tal-anqas ma' persuna ohra;
5. Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru t-testijiet xjentifici kollha necessarji sabiex efettivament jigi determinat jekk l-esponenti hux missier il-minuri jew min minnhom.
6. Illi t-talbiet attrici ghalll-manteniment tal-minuri inkluz l-arretrati huma intempestivi stante illi tali proecuri ghandhom jigi preceduti bil-proceduri ta' medjazzjoni ai termini tal-artikolu 9 tal-Avviz Legali 397 tas-sena 2003;
7. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq premess, l-esponent jirrileva illi tul il-perjodu u meta l-partijiet kienu jirrisjedu flimkien fil-fond tal-esponenti, dejjem kien hu illi ha hsieb il-bzonnijiet tal-attrici u taz-zewg ulied minuri, ahwa B, u ghalhekk certament illi l-esponenti qieghda kwalunkwe obbligu illi seta' kellu fil-konfront tal-minuri-jekk jirrizulta illi huma wliedu-ghal dak iz-zmien kollu;
8. Illi jrid jinghad illi meta r-relazzjoni bejn il-partijet intemmet u l-attrici telqet mid-dar flimkien kien ma' uliedha minuri, zdiedu d-dubji tal-

esponenti dwar kemm effetivament dawn huma wliedu peress illi l-attrici waqqfet kwalunkwe tip ta' kuntatt mal-esponenti. Sahansitra l-esponenti, sar jaf minghand terzi illi wahda mill-ulied, DB tinsab f' istitut- u dan ukoll ifisser illi l-attrici ma ghandha l-ebda jedd illi titlob il-manteniment ghall-minuri jew min minnhom, fi kwalunkwe perjodu illi din ma kienetx qieghda effetivament trabbi lill-istess.

9. Fid-dawl tal-fatti fuq esposti, illi l-esponenti jiddikjara illi jaf personalment, huwa:
   a. Jirrimetti ruhu ghall-ewwel zewg talbiet attrici fis-sens illi ghandhom isiru t-testijiet xjentifici relattivi u f' kaz biss illi jirrizulta illi l-esponenti huwa efftivament missier il-minuri jew min minnhom fil-grad rikjest mil-Ligi;
   b. Jissottometti illi t-tielet, ir-raba' u l-hames talba ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom stante illi dawn huma intempestivi u fi kwalunkwe kaz infondati fil-fatt u fid-dritt, ghar-raguijet fuq premessi;
   c. L-ispejjez kollha tal-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-attrici stante illi kien biss l-agir u bl-insistenza taghha, illi l-ulied gew registrati bhala ulied missier mhux maghruf, sahansitra fiz-zmien meta l-partijiet kienu ghadhom f' relazzjoni bejniethom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur Registru Pubbliku li taqra kif gej :-

1. Illi prelimiarjament l-esponent, jirrilveva li l-Avukat Generali ma giex notifikat kif jipprovdi l-Art. 1818 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta Isewgi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-riposta ghadu ma bediex jiddekorri.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea prelimiani, ghall-inqas mil-atti li gew notifkati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni mehtiega, li permezz taghha AB giet mahtura bhala kuraturici ad litem tal-minorenni C u DB kont is-disposizzjonijiet tal-artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi bla pregudizzju, l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istuttorji ghalkemm f' dan l-ambitu l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha ikkoncernati sabiex jissotomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikoli 100 A tal-Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Illi bla hsara ghas-suespost, f' kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil EF sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament. 1. In-numru tal-karta tal-identita' tieghu. 2. Ismu u kunjomu. 3. L-eta' tieghu meta twieldu il-minorenni C u D ahwa B. 4.Il-post tat-twelid tieghu. 5. Il-post tar-residenza tieghu meta twieldu l-imsemmija minorenni. 6. Isem u kunjom missieru. 7. Jekk l-imsemmi missier patern ma kienx ghadu haj meta twieldu il-minorenni C u D ahwa B. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-twelid ta' fuq riferti minorreni C u D ahwa B, bin-numru tar-registrazzjoni progressiv erbat elef, erbgha u hamsin (4054) tas-sena elfej u sitta (2006), u bin-numru progressiv tmien mija u sittin (860), tas-sena elfejn u tmienja (2008), rispettivament;
5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu l-minorenni C u D ahwa B, a tenur tal-Artikolu 92 (5) tal-Kap. 166 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi bla hsara ghall-premess, l-esponent jistqarr illi ghall-ahhar tlett talbiet huwa mhux l-legittmu kontradittur;
7. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissotmetti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhix attriwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghal-ispejjez tal-kawza istanti;
8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti seduta stante fis- 17 ta' Frar 2016, fejn giet nominata a spejjez provvizorjament tal-attrici, Dottor Marisa Cassar biex tikkonduci t-test tad-DNA fuq l-attrici, iz-zewg minuri u l-konvenut EF;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti fit- 12 ta' April 2016 fejn l-attrici, in vista tat-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, giet nominata ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi bhala kuratrici ad litem taz-zewg minuri C u DB;

Rat ix-xhieda ta' Dottor Marisa Cassar u r-rapport minnha pprezentat fis-seduta tat- 12 ta' April 2016, li kkonfermat li l-konvenut EF huwa l-missier taz-zewg itfal;

Rat in-nota ta' EF prezentata fis- 27 ta' April 2017, fejn indika l-konnotati tieghu wara d-digriet ta' din l-Qorti tat- 12 ta' April 2016;

Rat id-digriet ta' dil-Qorti tas- 27 ta' Lulju 2016 fejn il-Qorti ordnat li l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri tkun f' idejn AB u ordnat lil EF jhallas

lill-attrici s-somma ta'erba mitt Ewro (400) fix-xahar bhala manteniment ' pendent lite' taz-zewg minuri li jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja li jithallas b' effett mis- 27 ta' Gunju 2016, u li jinkludi spejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata t-30 ta' Awwissu 2016;

Rat is-sentenza in parte ta' din il-Qorti tat- 22 ta' Settembru 2016 fejn gew milqugha l-ewwel zewg talbiet tal-attrici, u per konsegwenza l-konvenut EF gie dikjarat il-missier naturali taz-zewg minuri C u DB, u kif ukoll id-Direttur Registru Pubbliku gie ordnat jaghmel l-annotazzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid taz-zewg minuri b' mod li jigu inseriti l-konnotatti ta' EF, u ordnat li z-zewg minuri jkunu maghrufa bil-kunjom EB;

Rat x-xhieda ta' Joseph Saliba ghall-Jobs Plus, Rebecca Micallef ghall-APS Bank, Jenanette Lepre' ghall-Lombard Bank, Joanna Bartolo ghall-Bank of Valletta. Audrey Ghigo ghall-HSBC Bank Malta plc u Stephen Baldacchino ghall-Banif Bank, li xehdu kollha fis-seduta tad- 6 ta' Dicembru 2016, mizmuma quddiem l-Assistant Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-konvenut EF li xehed fis- 27 ta' Jannar 2017, mimzuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-attrici li xehdet in kontro-ezami, fis-seduta tal- 15 ta' Mejju 2017, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat ir-rapport tal-Agenzija Appogg anness ma' nota pprezentata fl-10 ta' Lulju 2017;

Rat id-digriet tal-21 ta' Novembru, 2017, li kien irrevoka digriet precedent moghti fil-25 ta' Mejju, 2017;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza fit- 8 ta' Marzu 2018, fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut Direttur Registru Pubbliku jigi estomess minn dal-proceduri in vista tad-decizjoni in parte tat- 22 ta' Settembru 2016, u billi l-konvenut naqas milli jidher kemm ghal dik l-udjenza, kif ukoll ghas-seduta quddiem l-Asistent Gudizzjarju, iddeferiet il-kawza ghal sentenza in parte;

Rat is-sentenza in parte moghtija fil-31 ta' Mejju, 2018;

Rat li gia' kien hemm medjazzjoni bejn il-partijiet dwar manteniment u access, permezz ta' digriet tat-12 ta' April, 2016, izda liema medjazzjoni ma kienet wasslet ghal ebda ezitu f'dan ir-rigward, kif jirrizulta min-nota tal-medjatur tad-19 ta' Mejju, 2016;

Rat id-digriet *pendent lite* tas-27 ta' Lulju, 2016, fejn gie stabbilit il-manteniment dovut ghall-minuri;

**Ikkunsidrat;**

Illi essenzjalment din il-kawza hija wahda ta' filjazzjoni, li maghha hemm ukoll talba ghall-hlas ta' manteniment ghall-minuri. Mill-fatti tal-kaz kif imressqa fil-provi, ma jidherx li hemm wisq kontestazzjoni. L-ewwel zewg

talbiet gew decizi permezz ta’ sentenza tat-22 ta’ Settembru, 2016. Fadal biss li jigi likwidat il-manteniment dovut ghall-minuri. Dan gie trattat f’ rikors tal-attrici datat 27 ta’ Gunju, 2016, u dekretat fis-27 ta’ Lulju, 2016, wara li l-konvenut kien ressaq ir-risposta tieghu. Kien sar tentattiv ta’ medjazzjoni fil-mori tal-kawza, sabiex il-partijiet jiftehmu dwar access u manteniment, izda l-medjazzjoni ma kienetx tat rizultat.

Mill-provi prodotti jirrizulta li z-zewg partijiet ghandhom impieg fiss. Dan il-fatt huwa importanti hafna ghal certu stabilita’ fil-hajja tat-tfal, haga li sa issa kienet nieqsa ghal kollox, minn dak li gie prodott fil-Qorti. Permezz tad-digriet moghti *pendent lite*, il-manteniment kien gie ffissat fl-ammont ta’ erba’ mitt Ewro (€400) fix-xahar. Fil-fehma tal-Qorti, dan hu ammont gust bhala manteniment ghal zewg minuri. Huwa importanti li genitur jikkontribwixxi b’mod attiv lejn il-hlas tal-ispejjez involuti ghat-trobbija tal-ulied. Il-genituri huma fid-dover li jmantnu lil uliedhom bl-ahjar mod li jistghu. Ghalhekk il-Qorti sejra tillikwida l-manteniment dovut fl-ammont gia indikat hawn fuq.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-tielet, ir-raba’ u l-hames talbiet attrici, u ghalhekk fil-waqt li tiddikjara li l-konveut, bhala missier il-minuri, huwa fl-obbligu li jhallas il-manteniment ghalihom, tillikwida l-manteniment hekk dovut fl-ammont ta’ erba’ mitt Ewro (€400) fix-xahar, b’dan illi l-manteniment jigi hekk dovut mill-konvenut mid-data tad-digriet li fih inghata, cioe’ mis-27 ta’ Lulju 2016.

L-ispejjez ta’ din is-sentenza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**